LINJI GWIDA

LINJA GWIDA (UE) 2022/311 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-17 ta' Frar 2022

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2012/27 dwar is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (BĊE/2022/4)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-ewwel u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 17, 18 u 22 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kunsill Governattiv iddeċieda dwar ċerti limiti massimi għar-remunerazzjoni tad-depożiti tal-gvern, kif speċifikat fil-Linja Gwida (UE) 2019/671 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2019/7) ([1]).

(2) Limitazzjonijiet fuq ir-remunerazzjoni ta' depożiti tal-gvern miżmumin għand bank ċentrali nazzjonali (BĊNi) bħala aġenti fiskali skont l-Artikolu 21.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jiġu speċifikati biex tinkiseb il-politika monetarja unika, b'mod partikolari sabiex jingħataw inċentivi biex depożiti tal-gvern jitpoġġew fis-suq, biex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-likwidità u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema. Barra minn dan, l-introduzzjoni ta' livell massimu fuq ir-remunerazzjoni ta' depożiti tal-gvern ibbażat fuq rati tas-suq tal-flus tiċċara l-kriterji u tiffaċilita l-monitoraġġ tal-konformità tal-BĊNi mal-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju mwettaq mill-BĊE skont l-Artikolu 271(d) tat-Trattat.

(3) Il-Linja Gwida 2013/47/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2012/27) ([2]) fiha dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni fuq il-kontijiet tal-Modulu tal-Ħlas (*Payments Module*), is-subkontijiet tagħhom u l-Kontijiet ta' Flus Dedikati TIPS. Il-gvernijiet, kif definiti fl-Artikolu 2 tal-Linja Gwida (UE) 2019/671 (BĊE/2019/7), jistgħu jipparteċipaw fit-TARGET2, kif stabbilit fl-Artikolu 4(2)(a) jew (b) tal-Anness II u fl-Artikolu 5(2)(a) jew (b) tal-Anness IIb tal-Linja Gwida BĊE/2012/27, u jistgħu jżommu bilanċi f'dawn il-kontijiet mil-lum għall-għada. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Linja Gwida BĊE/2012/27 dwar ir-remunerazzjoni ta' tali kontijiet jistgħu jinterferixxu mal-prinċipji ġenerali dwar ir-remunerazzjoni tad-depożiti tal-gvern kif approvati mill-Kunsill Governattiv fejn wara l-waqfien tal-medja tal-indiċi ta' matul il-lejl tal-euro (EONIA) minn Jannar 2022 il-limitu massimu ta' remunerazzjoni applikabbli għal tali kontijiet u subkontijiet għandu jkun ir-rata tal-euro fuq terminu qasir (€STR).

(4) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva tal-prinċipji ġenerali dwar ir-remunerazzjoni tad-depożiti tal-gvern, huwa meħtieġ li jiġu ċċarati u aġġornati d-dispożizzjonijiet tal-Linja Gwida 2013/47/UE (BĊE/2012/27).

(5) Għall-finijiet tal-limitazzjoni fuq ir-remunerazzjoni tad-depożiti tal-gvern, għandha tapplika l-Linja Gwida (UE) 2019/671 (BĊE/2019/7).

(6) Għaldaqstant, il-Linja Gwida 2013/47/UE (BĊE/2012/27) għandha tiġi emendata hekk kif ġej,

([1]) Linja Gwida (UE) 2019/671 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' April 2019 dwar operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet domestiċi mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊE/2019/7) (ĠU L 113, 29.4.2019, p. 11).

([2]) Linja Gwida 2013/47/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2012 dwar sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (BĊE/2012/27) (ĠU L 30, 30.1.2013, p. 1).

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

L-Annessi II u IIb għal-Linja Gwida 2013/47/UE (BĊE/2012/27) huma emendati b'mod konformi mal-Anness għal din il-Linja Gwida.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mit-2 ta' Mejju 2022. Huma għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mill-25 ta' Marzu 2022.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-17 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS

L-Annessi II u IIb tal-Linja Gwida 2013/47/UE (BĊE/2012/27) huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, it-Titolu IV, l-Artolu 12, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Kontijiet PM u s-subkontijiet tagħhom għandhom jew ikunu remunerati b'żero fil-mija jew bir-rata ta' faċilità ta' depożitu, hi liema hi l-aktar baxxa, ħlief jekk jintużaw biex iżommu kwalunkwe minn dawn li ġejjin

(a) riżervi minimi;

(b) eċċess ta' riżervi;

(c) depożiti tal-gvern kif iddefiniti fl-Artikolu 2 il-punt (5) tal-Linja Gwida (UE) 2019/671 (BĊE/2019/7).

Fil-każ ta' riżervi minimi, il-kalkolu u l-ħlas tar-remunerazzjoni tal-parteċipazzjonijiet għandhom ikunu rregolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 (*) u r-Regolament (UE) 2021/378 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/1) (**).

Fil-każ ta' eċċess ta' riżervi, il-kalkolu u l-ħlas tar-remunerazzjoni tal-parteċipazzjonijiet għandhom ikunu rregolati mid-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 (BĊE/2019/31) (***).

Fil-każ ta' depożiti tal-gvern, ir-remunerazzjoni tal-parteċipazzjonijiet għandha tiġi rregolata mid-dispożizzjonijiet relatati ma' dawk id-depożiti tal-gvern kif stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Linja Gwida (UE) 2019/671 (BĊE/2019/7) (****).

_____

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni ta' riservi minimi tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 1).

(**) Ir-Regolament (UE) 2021/378 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' riżervi minimi (BĊE/2021/1) (ĠU L 73, 3.3.2021, p. 1).

(***) Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2019 dwar ir-remunerazzjoni ta' holdings ta' eċċess ta' riżervi u ta' ċerti depożiti (BĊE/2019/31) (ĠU L 267, 21.10.2019, p. 12).

(****) Linja Gwida (UE) 2019/671 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' April 2019 dwar operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet domestiċi mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊE/2019/7) (ĠU L 113, 29.4.2019, p. 11).";

(2) fl-Anness IIb, it-Titolu IV, l-Artolu 15, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. It-TIPS DCA għandhom jew jiġu remunerati b'żero fil-mija jew ir-rata tal-faċilità tad-depożitu, liema minnhom tkun l-iktar baxxa, sakemm ma jintużawx biex iżommu kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) riżervi minimi;

(b) eċċess ta' riżervi;

(c) depożiti tal-gvern kif iddefiniti fl-Artikolu 2 il-punt (5) tal-Linja Gwida (UE) 2019/671 (BĊE/2019/7).

Fil-każ ta' riżervi minimi, il-kalkolu u l-ħlas tar-remunerazzjoni tal-parteċipazzjonijiet għandhom ikunu rregolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 (*) u r-Regolament (UE) 2021/378 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2021/1) (**).

Fil-każ ta' eċċess ta' riżervi, il-kalkolu u l-ħlas tar-remunerazzjoni tal-parteċipazzjonijiet għandhom ikunu rregolati mid-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 (BĊE/2019/31) (***).

Fil-każ ta' depożiti tal-gvern, ir-remunerazzjoni tal-parteċipazzjonijiet għandha tiġi rregolata mid-dispożizzjonijiet relatati ma' dawk id-depożiti tal-gvern kif stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Linja Gwida (UE) 2019/671 (BĊE/2019/7) (****).

_____

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni ta' riservi minimi tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 1).

(**) Ir-Regolament (UE) 2021/378 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' riżervi minimi (BĊE/2021/1) (ĠU L 73, 3.3.2021, p. 1).

(***) Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1743 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2019 dwar ir-remunerazzjoni ta' holdings ta' eċċess ta' riżervi u ta' ċerti depożiti (BĊE/2019/31) (ĠU L 267, 21.10.2019, p. 12).

(****) Linja Gwida (UE) 2019/671 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' April 2019 dwar operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet domestiċi mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊE/2019/7) (ĠU L 113, 29.4.2019, p. 11).".